MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1354/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**CARL VELLA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CARL VELLA,** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Saviour u Maria nee' Pace, imwieled Pieta' fit-13 ta' April 1984, residenti fi Tropicana, Dawret il-Wied, Mosta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 232584(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fl-24 ta' Lulju 2012 u fil-jiem, ix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel

uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u disghin Ewro (€27,290) ghad-dannu ta' HSBC Bank Plc u/jew Aaron Micallef (ID: 485880M);

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ipprevjena jew ostakola d-dhul ghal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, gharraq it-thaddim ta' xi sistema, *software* jew l-integrità jew affidabilità ta' xi *data*;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ha pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja jew zied ma' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, uza l-kodici ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra *f'computer*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 337F(2) u 337F(3)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe’ fedina penali, att mill-estratt tat-twelid, stqarrija u mandat ta’ arrest.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu llum nhar is-27 ta’ Dicembru 2012, u cioe’ fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat moghtija fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li tul l-investigazzjoni il-Prosekuzzjoni rnexxielha tirkupra l-ammont ta’ ghaxart elef u mitejn Ewro (€10,200).

John Galea in rapprezentanza ta’ HSBC Bank li ddikjara li l-bank sofra danni fl-ammont ta’ sbatax-il elf u disghin Ewro (€17,090) wara li fil-mori tal-investigazzjoni l-Pulizija ghaddietlu s-somma ta’ ghaxart elef u mitejn Ewro (€10,200) li gew irkuprati minghand l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ddikajrat li dawn kienu d-danni kollha sofferti f'dan il-kaz.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara wkoll li l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni.

Ikkunsidrat:

Invista tas-suespost u cioe' l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u dan fl-ewwel opportunita' moghtija lilu waqt il-prezentata, il-kooperazzjoni totali ta' l-imputat sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni u cioe' meta giet rilaxxjata l-istqarrija nhar is-26 ta' Dicembru 2012, il-fedina penali netta minghajr ebda reat jew kontravvenzjoni registrati fuqha, u li l-Prosekuzzjoni gja' rnexxielha tirkupra aktar minn terz tar-resfurtiva, ghalhekk il-Qorti thoss li ghandu jigi trattat bhala *first time offender*.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva pero' ghandha timponi sentenza sospiza sabiex isservi ta' mannara fuq ras l-imputat bil-ghan illi taghtih opportunita' li jzomm il-boghod mill-hajja kriminali u jirregola ruhu fid-dawl tal-antecedenti tieghu.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 337C(1)(a), (d), (e), (f), (g), (i) 337F(2), (3)(a) tal-Kapitolu 9, tiddeciedi li issib lill-imputat CARL VELLA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.**

**Inoltre, ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tobbliga lill-imputat ihallas il-bilanc ta' sbatax-il elf u disghin Ewro (€17,090) fi zmien sitt xhur mil-lum.**

**Il-Qorti ma tilqghax it-talba tal-Prosekuzzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 peress illi ma rrizultalhiex illi l-imputat gie akkuzat fuq l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 373 u cioe' b'offiza naxxenti mill-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Hasil ta' Flus.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------